MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 69/2009

**A B f'isimha proprju u bhala kuratrici 'ad litem' ta' binha minuri C D b'digriet tat-2 ta' April 2009**

**-vs-**

**Direttur tar-Registru Pubbliku;**
**E D;**
**F G**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B fejn din, wara li ppremettiet:

**A. Dikjarazzjoni tal-fatti**

Illi l-esponenti u l-intimat E D zzewgu f'Malta fit-tmienja (8) ta' Gunju tas-sena elf disa' mija u seba u disghin (1997). Illi r-rikorrenti u l-intimat E D sseparaw 'de lege' fis-sebgha

u ghoxrin (27) ta' Frar tas-sena elfejn u tmienja (2008); u sussegwentement fil-11 ta' Novembru 2008, l-esponenti welldet lit-tarbija minuri bl-isem 'C', kif jirrizulta mill-att tat-twelid hawn anness u mmarkat dokument A.

Illi ghalkemm fic-certifikat tat-twelid tat-tarbija gie dikjarat illi missier it-tarbija huwa l-intimat E D, fil-fatt il-minuri C gie koncepit fil-kors ta' relazzjoni li l-esponenti kellha mal-intimat F G, u dana matul dak il-perjodu li l-esponenti kienet gia separata 'de facto' mill-intimat E D u ftit jiem biss qabel gie ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni kunsenswali bejniethom.

Illi l-imsemmija tarbija 'C' giet registrata b'kunjom l-intimat E D u dana meta dan l-intimat ma hux il-missier naturali tat-tarbija, u dana kif ser jirrizulta ahjar waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza u occorrendo permezz ta' testijiet genetici apposta.

Illi fil-fatt il-missier naturali tal-minuri huwa l-intimat F G li mieghu l-esponenti kellha relazzjoni intima u f'dak il-perjodu li hija kienet gia mifruda 'de facto' minn zewgha l-intimat E D.

**B. Raguni ghat-Talbiet f'dawn il-proceduri**

Illi l-intimat E D diga' cahad li jaghraf l-imsemmija tarbija C D, li effettivament ma hux ibnu.

**C. Talbiet Attrici**

Ghaldaqstant, titlob l-attrici r-rikorrenti sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Fl-ewwel lok tiddikjara li l-intimat E D ma huwiex il-missier naturali tal-minuri C, occorrendo bir-rizultati ta' testijiet genetici apposta;

Fit-tieni lok tiddikjara li l-intimat F G huwa l-missier naturali tal-minuri C, ukoll occorrendo bir-rizultati ta' testijiet genetici apposta;

Tawtorizza l-korrezzjoni ta' l-Att tat-Twelid tal-minuri C D li jgib in-numru progressiv ta' iskrizzjoni tlett elef, disa' mija u tnejn u sebghin tas-sena elfejn u tmienja (3972/2008) billi tordna lill-intimat id-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega kif gej:

Fil-kolonna li tirraprezenta isem u kunjom il-missier, jikkancella l-kliem 'E D' u l-eta', in-numru tad-dokument tal-karta tal-identita', il-post tat-twelid u r-residenza tal-intimat E D, kif ukoll l-isem u l-kunjom missier l-intimat E D u jekk huwiex haj jew mejjet;

Fil-kolonna li tirraprezenta isem u kunjom il-missier, jitnizzel isem F G bhala l-missier u jitnizzlu fl-att tat-twelid tal-minuri C dawk il-konnotati tal-imsemmi F G kif ghandhom jirrizultaw fil-mori tal-kawza;

Mill-kolonna fejn hemm indikat isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha, tikkancella l-kunjom 'D' u tbiddlu bil-kunjom 'G' sabiex id-dettalji f'dina l-kolonna jigu jaqraw kif imiss 'C G'; u

Tawtorizza u tordna kull modifika ohra in vista ta' l-ewwel u t-tieni talba, u jekk ikun opportun, f'kull att iehor relattiv u sussegwenti.

Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn dan eccepixxa:

Illi preliminarjament fil-mertu, l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jintlaqghu, jehtieg li l-kliem "the said" jigu kancellati minn taht il-kolonna li tindika d-dettalji ta' omm it-tarbija. Inoltre, jehtieg li l-kunjom tal-minuri jigi korrett fuq l-Att tat-Twelid.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jintlaqghu, ir-rikorrenti

ghandha tispecifika d-dettalji personali kollha ta' l-allegat missier naturali u cioe' ta' l-intimat F G, sabiex dawn id-dettalji ikunu jistghu jigu inseriti fil-kolonni rispettivi fl-Att tat-Twelid in kwistjoni.

Illi jehtieg li r-rikorrenti tipprova l-impossibilita' fizika bejn il-konjugi u cioe' bejn l-intimat E D u bejnha.

Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fi kwalunkwe kaz, it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhux attribwibbli ghal xi nuqqas ta' l-intimat li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

Rat in-nota a fol. 13 tal-process fejn l-intimat F G ammetta t-talbiet kif dedotti fir-rikors promotur.

Rat in-nota a fol. 24 tal-process fejn ukoll E D ammetta t-talbiet dedotti fir-rikors promotur.

Rat li saret id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern skond il-Ligi.

Rat id-dokumenti u affidavit prodotti.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza, A B qed titlob lill-Qorti tiddikjara illi l-minuri binha mhux wild ta' zewgha li minnu hija separata pero' pero' huwa wild ta' terza persuna, cioe' F G.

Il-fatti kif elenkati fir-rikors promotur huma sorretti kemm mix-xhieda prodotti u, mir-rizultati tal-ezamijiet xjentifici esegwiti mill-ispizjara Marisa Cassar u li juru bla dubju illi l-minuri C huwa iben naturali ta' F G (fol. 32).

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tiddikjara li E D m'huwiex missier naturali tal-minuri C.

Tiddikjara li l-missier naturali tal-imsemmi minuri huwa F G.

Tordna li fl-Att tat-Twelid Nru. 3972/2008 jigu kancellati l-konnotati ta’ E D mill-kolonna bid-dettalji tal-missier u jitnizzlu minflok l-isem ta’ F G, numru tal-karta tal-Identita’ *omissis (k.i. nru)* imwieled Marsa u residenti ukoll Marsa, iben H G, mejjet. Kunjom it-tarbija ghandu jitnizzel bhala G minflok D.

L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------